17 ta' Mejju, 1945.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Rev. Sac. Giuseppe Gonzi et. versus Rosario Mallia et.

## Għalqa — Ġnien — Kompetenza — Bord tal-Qbejjel — "Agricultural Leases Control Regulations" ta' l-1943.

*Meta fond huwa mikri jew okkupat principalment għat-tkabbir tas-siġar, u ma jkunx fih-biċċa l-kbira tiegħu adibit għal skopi ta' agrikoltura jew għal skopi konnessi magħha, dak il-fond jissejjaħ ġnien, u mhux għalqa; u għalhekk mhumiex applikabbli għalih ir-Regolamenti dwar it-Tiġdid tal-Qbejjel maħruġin fis-sena 1943.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta li fil-15 ta' Awissu 1944, spiċċat il-lokazzjoni tal-ġardina f'Hal Tarxien, imsejħa "Ta' Dottorijiet", tal-kejl superfiċjali ta' tomna u tliet sigħan; u li l-konvenuti bl-ittra uffiċjali tal-14 ta' Ġunju 1944 ġew intimati sabiex jirrilaxxjaw dik il-ġardina, billi l-attur jridha biex jagħtiha liċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika tar-raħal fuq imsemmi għar-rikreazzjoni tal-membri; talab illi l-konvenuti jiġu kundannati jiżgumbraw l-imsemmija ġardina fiż-żmien qasir li jiġi lilhom prefiss, salva l-azzjoni għad-danni skond il-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq indikata;

*Omissis;*

Ikkonsidra fuq l-eċċezzjoni preliminari illi mhux din il-Qorti, imma huwa l-Board għall-Kontroll tat-Tqabbil, kontemplat fir-Regolament ta' l-1943 dwar it-Tiġdid tal-Qbejjel, imxandra bin-Notifikazzjoni tal-Gvern fuq imsemmija, kompetenti biex jieħu konjizzjoni tal-kawża;

Illi, kif jirriżulta mill-aċċess u mill-perizja, il-fond in kwistjoni huwa tal-kejl superfiċjali ta' ċirka disgħa sigħan. Huwa fih kwantità ta' siġar tal-bajtar tax-xewk, li jokkupaw flimkien spazju aktar minn nofs ta' dak il-fond. Għandu wkoll żewġ tarkizzamet, tina u tarkizzana flimkien, ċirka ħamsa u erbgħin dwieli kbar u żgħar, rummiena, erba' siġ-riet tal-frott rqiq, lumija żgħira u larinġa żgħira. Il-fond huwa mdawwar u magħluq minn kull naħa b'ħitan tas-sej-[illegible] ma' ġonna ta' bejn limitrofi, u b'ħitan ta'

binu tejn djar mossu miegħu. Biex tidħol fih jeħtieġ bil-fors tgħaddi minn għod-dar nru. 22, Market Place, Tarxien, propjeta tal-konvenuti. Dan l-aħħar fond huwa dlratti suġġett għas-servitù passiva ta' passaġġ pedestri u ekwestri lejn il-fond in kwistjoni;

Illi l-perit issottometta illi fil-fehma tiegħu l-fond in kwistjoni ma għandux jiġi kunsidrat bħala għalqa għall-finijiet tar-Regolamenti fuq indikati, għaliex il-fond huwa l-aktar użat għas-siġar, minnabba l-estensjoni tas-superfiċji okkupata minn dawk is-siġar;

Illi l-Qorti taqbel mal-perit, għaliex mill-ewwel, waqt l-aċċess, osservat hi l-impressjoni li jħalli l fond lil min jħares lejh mill-bjut tad-djar ċirkonviċini hija dik li l-maġġur parti tas-superfiċji tiegħu hija okkupata mis-siġar; u għal-hekk il-fond ma jistax jiġi kunsidrat bħala għalqa skond id-definizzjoni ta' "għalqa" li hemm fl-imsemmijin Regolamenti. Għaliex għal dawk ir-Regolamenti, "għalqa" tfisser "any mainly arable land which is habitually given or taken on lease for the growing of crops and cognate agricultural purposes; and includes any farmhouse or out-building let as an integral part of the field; but does not include grazing grounds, orchards, vine yards, and holdings mainly used for the growing of trees or vines". Issa jirriżulta, mhux biss mill-aċċess, imma anki, u aħjar, mill-perizja, illi aktar minn nofs is-superfiċi tal-fond hija okkupata minn siġar; u għal-hekk, kif sewwa ssottometta l-perit, il-fond, avut rigward għall-estensjoni, mhux kbira, li tista' tinħadem, ma jistax jiġi kunsidrat bħala "mainly arable land", imma għandu jiġi kunsidrat bħala "orchard", bħala fond "mainly used for the growing of trees". Il-fond kwindi ma jaqax taħt l-imsemmija definizzjoni ta' "għalqa", u mhux suġġett għar-Regolamenti fuq indikati;

Illi jista' fil-każ jiżdied illi, appuntu minħabba s-servitù fuq indikata, il-fond ġie dejjem, għal snin kbar, mikri lill-istess bniedem li jikri d dar li hija suġġetta għas-servitù fuq imsemmija, u dak il-fond ġie dejjem ikkunsidrat, mis-sidien tad-dar u mill-kerrej, parti ta' l-istess dar. Difatti s-sidien jikru l-fond in kwistjoni sabiex ikunu jistgħu jikruh flimkien mad-dar, kif huwa mikri fil-preżent lil bniedem li lanqas ma

huwa haddiem ta' l-art, għaliex xogħlu huwa dak ta' lavrant ma' burdnar, u minn mindu bdiet il-gwerra jagħmilha ta' "stevedore". Dawn huma ċirkustanzi li jservu biex ikomplu juru, ħimkien maċ ċirkustanzi fuq indikati, li l-fond in kwistjoni mhux kunsidrat bħala għalqa, imma bħala ġardina tad-dar fuq imsemmija;

Illi f'dan il-punt il-Qorti tosserva illi kieku l-fond kien għalqa, u l-konvenuti riedu jagħmlu oppożizzjoni għat-talba ta' l-atturi, kienu jkunu l-istess konvenuti tenuti li jressqu l-każ quddiem il-Bôrd fuq indikat għat-tiċħid ta' dik it-talba, u li ma kienux aktar fiż-żmien li jressqu l-każ quddiem dak il-Bôrd meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, kif, dejjem f'każ ta' għalqa, l-atturi ma kienux ikunu taw l-avviż lill-konvenuti fiż-żmien rikjest mill-imsemmijin Regolamenti;

Għar-raġunijiet fuq indikati l-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjoni li dina l-Qorti hija inkompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża, iżda minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' l-inċident, kompriżi dawk tal-perizja u relativi, u ta' l-aċċess miżmum mill-Qorti, jitħallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti;

Tikkunsidra fil-meritu;

*Omissis;*

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-atturi, u tipprefiġġi lill-konvenuti xahar żmien sabiex jiżgumbraw il-fond indikat fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż, barra minn dawk li fuqhom ga ġiet mogħtija deċiżjoni.